**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 1 **Sustanzi fil-Ħamrija – Sonya Vella** – mir-rivista *Biedja u Sajd*

Is-sustanzi huma għall-pjanta dak li l-ikel hu għall-bniedem. Jiġifieri l-pjanta tiddependi minnhom biex tikber, biex tipproduċi l-fjuri, tipproduċi l-frott u tagħti produzzjoni tajba. L-akbar sors ta' sustanzi għall-pjanta hija l-ħamrija, avolja l-pjanta kapaċi tiġbed ċerti sustanzi anke mill-arja. Imma jibqa' l-fatt li l-ħamrija tipprovdi l-akbar ammont ta' sustanzi li pjanta jkollha bżonn.

Bil-livelli għoljin ta' produzzjoni li qed nilħqu llum il-ġurnata, il-ħamrija ma jibqax ikollha fiha l-ammonti biżżejjed ta' sustanzi minn sena għal sena, biex issostni dan it-tip ta' produzzjoni. Allura jiġri li biex il-livell ta' sustanzi fil-ħamrija ma jonqosx, wieħed dejjem irid jerġa' jrodd lura fil-ħamrija, dawk is-sustanzi li jkun ħa minnha. Hawnhekk jidħol il-bżonn ta' l-użu tal-fertilizzant. L-għoti ta' fertilizzant lill-għelieqi hu mod artifiċjali ta' kif wieħed jerġa' jrodd lura fil-ħamrija dawk is-sustanzi li jkunu ttieħdu minnha permezz tal-pjanti, jiġifieri meta l-bidwi jkun ħa l-prodott.

Hemm fertilizzanti artifiċjali, li wieħed isibhom kemm likwidi kif ukoll solidi, id-demel naturali kif ukoll il-kompost. Dan jitqies ukoll bħala fertilizzant għar-raġuni li fih hemm ċerti sustanzi li huma bżonnjużi wkoll għall-produzzjoni ta' l-uċuħ. Hawn ċerti fertilizzanti, bħalma huma dawk organiċi, li barra milli jipprovdu sustanzi, jipprovdu wkoll materjal organiku li hu importanti ħafna għall-istruttura u l-formazzjoni tal-ħamrija.

**Punti Ewlenin**

- X'inhuma s-sustanzi fil-ħamrija u x'jagħmlu fil-pjanti.
- X'jinħtieġ li jsir biex il-ħamrija jibqa' jkollha sustanzi u tlaħħaq mal-produzzjoni.
- Tipi ta' fertilizzanti u l-funzjoni tal-materjal organiku.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 2 Emvin Cremona – kitba ta' Lino Cuschieri

Dawk kollha li kienu jafu mill-qrib jew kienu midħla sewwa ta' Emvin Cremona, jistqarru bil-liberta` kollha li Malta għandha biex tkun kburija tabilħaqq li minn ħdanha twieled u trawwem dan l-artist ta' fama. Bil-ħila tiegħu rnexxielu jasserixxi ruħu fil-ġrajja ta' l-arti Maltija f'dan is-seklu, bl-interpretazzjoni poetika tad-diversi suġġetti li huwa għażel għax-xogħlijiet tiegħu.

Dan jidher ukoll fix-xejra drammatika u fl-istess waqt divina, evidenti fil-ħidma tiegħu fil-qasam ta' l-arti sagra u fuq kollox bl-oriġinalita` assoluta li biha huwa għaraf jesprimi l-immaġinazzjoni fertili li kienet tgħammar f'moħħu. Din kienet immaġinazzjoni mogħnija bi kreattivita` ta' ġenju artistiku, li biha ħoloq nixxiegħa ta' ġmiel u ammirazzjoni li ma tintemm qatt.

Emvin Cremona bħala pittur dejjem fittex li jesprimi l-emozzjonijiet artistiċi tiegħu permezz tal-qawwa espressiva tal-kuluri li kien joħloq. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li t-taħlit u l-isfumar tal-kuluri li bihom huwa ħoloq stil għal kollox oriġinali u fl-istess ħin personalizzat, huma l-elementi ewlenin li baqgħu dejjem jispikkaw fl-arti kreattiva tiegħu. Dan għalkemm hawn Malta kellu jħabbat wiċċu ma' attitudni kulturali għal kollox opposta għal kwalunkwe espressjoni artistika ta' forma moderna.

**Punti Ewlenin**

- Għaliex Malta għandha tiftaħar bil-pittur Emvin Cremona.
- Xi karatteristiċi ta' l-espressjoni artistika ta' Cremona.
- L-użu tal-kuluri minn Cremona.
- Attitudni ostili f'Malta għall-arti moderna.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 3 Il-Werżieq – Victor J. Galea – *Qwiel u Qaddisin*

Skond Patri Manwel Magri, il-qawl jgħid li meta tisma' jgħajjat il-werżieq, tista' tmur għall-għeneb u t-tiniet. Il-werżieq jitfaċċa matul Lulju u jibqa' għaddej jagħżel matul Awissu u anke wara. Il-werżieq ma jagħżilx biex isajjar il-frott, iżda biex jiġbed lill-mara u jżommha ħdejh. Il-kompetizzjoni hi tassew qawwija u werżieq ma jċedix lil ieħor. Jibdew mat-tbexbix u jibqgħu sejrin sa wara nżul ix-xemx. Il-ħoss li jagħmel il-werżieq hu l-aqwa wieħed fost l-insetti kollha.

Kurjuża mnejn ikun ġej dak l-għagħa kollu. Il-werżieq taħt qaddu, jiġifieri fejn għandu s-sitt saqajn u qabel tibda ż-żaqq, għandu żewġ tnabar mgħottijin b'rita. Muskoli qawwija jġagħlu dir-rita tivvibra b'veloċita` ta' 120 sa 400 darba kull sekonda, tant li aħna nħossuh ġej il-ħin kollu. Dawn il-vibrazzjonijiet jidwu fiż-żewġt itnabar u l-ħoss tagħhom jinstema' sa nofs kilometru bogħod.

Kurjuża wkoll li t-turisti Ingliżi jieqfu mistagħġba jisimgħuh, għax mill-1500 speċi ta' werżieq li hawn fil-pajjiżi sħan tad-dinja, fl-Ingilterra suppost li hemm wieħed biss, in-naħa t'isfel fil-Bosk il-Ġdid. Għedt *suppost* għax rari tisma' ħossu. Minn hawn ġej l-interess tat-turisti fil-werżieq tagħna, għaddej jagħżel bla heda taħt il-qilla tax-xemx t'Awissu.

**Punti Ewlenin**
- Il-werżieq skond il-qawl u għala jagħmel dak il-ħoss partikulari.
- Kif il-werżieq jagħmel dak il-ħoss u kemm jinstema'.
- Għaliex l-interess tat-turisti Ingliżi fil-werżieq.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 4 Il-Kometa bix-Xuxa – R. Bonnici Cali` - *Tifkiriet ta' Tfuliti*

Kien ftit aktar minn sebgħin sena ilu meta l-ġirien ħarġu fit-triq jgħajtu. "Araw, x'hemm fis-sema?" Qamet għagħa kbira għax bdiet tidher kewkba kbira li kellha magħha denb twil jixgħel u jiddi daqs l-istess kewkba. In-nies laqqmuha l-*kewkba tax-xuxa* għax din kienet qisha denb twil ta' żiemel. U bdiet tidher kull fil-għaxija għal bosta jiem.

Jien ukoll kont rajtha kemm-il darba u bosta kienu l-għajdut dwar it-tifsir tagħha. Imma x-xniegħa l-kbira kienet li din il-kewkba turi li kienet ġejja ħsara fid-dinja. Min qal li ġej terremot, min xi marda u min xi gwerra kbira.

Fl-istess ħabta kien ġie jżurna z-ziju l-Patri Ewsebju tal-Kapuċċini u qalilna li dik il-kewkba tissejjaħ kometa bħal dik li kienet dehret f'Betlem meta twieled il-Bambin Ġesu` u ġibitilna l-akbar ġid għar-ruħ u għall-ġisem. Għalhekk ma kellniex għax nibżgħu minnha għax din tidher kull tant żmien skond kif jgħidu l-astronomi.

Din kienet tidher bil-għajnejn bla għajnuna ta' trombi bil-lenti. Kienet ġibdet ukoll l-għajn taz-ziju ta' ommi, il-pittur Ġuże` Cali`, li kien pinġa wkoll kwadru bil-kometa tax-xuxa fis-sema fuq il-Port il-Kbir ta' Malta. U dan il-kwadru semmieh *Halley's Comet,* kif kien sejħilha wieħed Ingliż ħabib tiegħu.

**Punti Ewlenin**

- X'raw in-nies fis-sema u x'laqqmuha.
- X'kien li bdew jgħidu fuqha.
- X'qal il-patri fuq l-istess kometa.
- X'għamel il-pittur Cali` u x'jisimha l-kometa.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **L-Istudju ta' l-Arti Barokka f'Malta – Keith Sciberras** – *Introduzzjoni*

L-istudju ta' l-istorja ta' l-Arti Barokka f'Malta ħa spinta 'l quddiem fl-aħħar għoxrin sena tas-seklu għoxrin, minn meta ngħata bidu għal riċerka arkivistika u stilistika minn numru ta' studjużi Maltin u barranin. Sa dak iż-żmien, kien għad hemm ħafna approssimazzjonijiet, kemm f'dak li huwa l-istorja ta' l-arti in ġenerali, kif ukoll l-aspetti bijografiċi u fl-attribuzzjonijiet.

L-ewwel tentattiv serju għal storja qasira tal-pittura Barokka f'Malta kien dak ta' Stefano Zerafa f'nofs is-seklu dsatax. Iżda kien biss fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin li Malta rat l-ewwel storiċi ta' l-arti importanti. Fost dawn kien Vincenzo Bonello li, b'entużjażmu u kultura wiesgħa, niseġ interess kemm fil-Maltin kif ukoll fi studjużi barranin. Wara nofs is-seklu, kemm Edward Sammut u anki John Cauchi kienu strumentali fir-*riskoperta* ta' l-arti Maltija.

Bil-mod, l-istudji saru iktar analitiċi u frekwenti u kiber ukoll l-interess fit-teknika, ir-restawr u l-esibizzjonijiet. Il-kitbiet fuq l-arti saru iktar speċjalizzati, l-aktar fil-ġenerazzjoni ta' storiċi ta' l-arti Maltin li tfaċċaw fis-sebgħinijiet u l-bidu tat-tmeninijiet, kif ukoll minn numru konsiderevoli ta' studjużi u riċerkaturi barranin li kabbru l-interess fil-perijodu Malti ta' Caravaggio u Mattia Preti.

**Punti Ewlenin**

- Meta beda l-interss serju fl-Arti Barokka Maltija u x'kien hemm qabel.
- Min kienu l-ewwel studjużi ta' l-arti sa l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin u wara.
- Kif kiber l-istudju ta' l-arti u l-interess ta' studjużi barranin.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **Il-Kitba Maltija – Akkademja tal-Malti** – *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*

Fl-ebda żmien tal-ġrajja tal-gżira ma nħass il-bżonn li jinkiteb il-Malti daqs kemm qiegħed jinħass fi żmienna. Il-kitba Maltija mhix waħda li tgħodd żmien wisq, u nistgħu ngħidu li għadha titrabba, jew aħjar li għadha ma tellgħetx id-darsa ta' l-għaqal. Iż-żminijiet tal-kitba Maltija ma jaslux lilhinn mis-seklu sittax: aktarx xi ftit iżjed lilhawn.

Jingħad li l-eqdem ktieb bil-Malti hu l-*Ktieb tad-Dutrina Nisranija,* maqlub bil-Malti u stampat Ruma minn Mons. Dusina dwar is-sena 1570. Fuqu saru ħafna oħra, fosthom dak tal-qassis Malti Francesco Wizzino: *Tagħlim Nisrani,* li kien meħud minn *La Dottrina Cristiana*. Dawn kienu għadhom iż-żminijiet li fihom il-poplu kien għad mhux mogħti għall-qari tal-Malti u l-ftit li kienu mogħtija għat-tagħlim ma kinux jiktbuh ħlief għall-bżonn biex jiftiehmu ma' nies li ma kinux jifhmu bit-Taljan.

L-ortografija tal-kliem Malti kienet għalhekk maħżuża, kif aktarx għadha sal-lum, fuq dik tat-Taljan. Minn hawn bdiet tinkiteb xi għanja, xi ġrajja, xi ċajta u xi ħrafa.

Il-Kanonku Ġanfranġisk Agius de Soldanis kien l-ewwel wieħed li f'dak iż-żmien bikri ta' tagħlim, tqanqal biex jikteb grammatika ċkejkna fejn ried ifisser in-nisel tal-Malti mill-Kartaġiniż.

**Punti Ewlenin**

- Il-bżonn tal-kitba bil-Malti u kemm hi antika.
- L-ewwel kotba bil-Malti u għaliex fl-imgħoddi l-Malti ma kienx jinkiteb.
- Kif kienet l-ortografija u x'beda jinkiteb.
- L-ewwel grammatika ta' De Soldanis.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**1** **Sustanzi fil-Ħamrija – Sonya Vella** – mir-rivista *Biedja u Sajd*

Is-sustanzi huma għall-pjanta dak li l-ikel hu għall-bniedem. Jiġifieri l-pjanta tiddependi minnhom biex tikber, biex tipproduċi l-fjuri, tipproduċi l-frott u tagħti produzzjoni tajba. L-akbar sors ta' sustanzi għall-pjanta hija l-ħamrija, avolja l-pjanta kapaċi tiġbed ċerti sustanzi anke mill-arja. Imma jibqa' l-fatt li l-ħamrija tipprovdi l-akbar ammont ta' sustanzi li pjanta jkollha bżonn.

Bil-livelli għoljin ta' produzzjoni li qed nilħqu llum il-ġurnata, il-ħamrija ma jibqax ikollha fiha l-ammonti biżżejjed ta' sustanzi minn sena għal sena, biex issostni dan it-tip ta' produzzjoni. Allura jiġri li biex il-livell ta' sustanzi fil-ħamrija ma jonqosx, wieħed dejjem irid jerġa' jrodd lura fil-ħamrija, dawk is-sustanzi li jkun ħa minnha. Hawnhekk jidħol il-bżonn ta' l-użu tal-fertilizzant. L-għoti ta' fertilizzant lill-għelieqi hu mod artifiċjali ta' kif wieħed jerġa' jrodd lura fil-ħamrija dawk is-sustanzi li jkunu ttieħdu minnha permezz tal-pjanti, jiġifieri meta l-bidwi jkun ħa l-prodott.

Hemm fertilizzanti artifiċjali, li wieħed isibhom kemm likwidi kif ukoll solidi, id-demel naturali kif ukoll il-kompost. Dan jitqies ukoll bħala fertilizzant għar-raġuni li fih hemm ċerti sustanzi li huma bżonnjużi wkoll għall-produzzjoni ta' l-uċuħ. Hawn ċerti fertilizzanti, bħalma huma dawk organiċi, li barra milli jipprovdu sustanzi, jipprovdu wkoll materjal organiku li hu importanti ħafna għall-istruttura u l-formazzjoni tal-ħamrija.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 2 Emvin Cremona – kitba ta' Lino Cuschieri

Dawk kollha li kienu jafu mill-qrib jew kienu midħla sewwa ta' Emvin Cremona, jistqarru bil-liberta` kollha li Malta għandha biex tkun kburija tabilħaqq li minn ħdanha twieled u trawwem dan l-artist ta' fama. Bil-ħila tiegħu rnexxielu jasserixxi ruħu fil-ġrajja ta' l-arti Maltija f'dan is-seklu, bl-interpretazzjoni poetika tad-diversi suġġetti li huwa għażel għax-xogħlijiet tiegħu.

Dan jidher ukoll fix-xejra drammatika u fl-istess waqt divina, evidenti fil-ħidma tiegħu fil-qasam ta' l-arti sagra u fuq kollox bl-oriġinalita` assoluta li biha huwa għaraf jesprimi l-immaġinazzjoni fertili li kienet tgħammar f'moħħu. Din kienet immaġinazzjoni mogħnija bi kreattivita` ta' ġenju artistiku li biha ħoloq nixxiegħa ta' ġmiel u ammirazzjoni li ma tintemm qatt.

Emvin Cremona bħala pittur dejjem fittex li jesprimi l-emozzjonijiet artistiċi tiegħu permezz tal-qawwa espressiva tal-kuluri li kien joħloq. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li t-taħlit u l-isfumar tal-kuluri li bihom huwa ħoloq stil għal kollox oriġinali u fl-istess ħin personalizzat, huma l-elementi ewlenin li baqgħu dejjem jispikkaw fl-arti kreattiva tiegħu. Dan għalkemm hawn Malta kellu jħabbat wiċċu ma' attitudni kulturali għal kollox opposta għal kwalunkwe espressjoni artistika ta' forma moderna.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari** |
|---|---|---|

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 3 Il-Werżieq – Victor J. Galea – *Qwiel u Qaddisin*

Skond Patri Manwel Magri, il-qawl jgħid li meta tisma' jgħajjat il-werżieq, tista' tmur għall-għeneb u t-tiniet. Il-werżieq jitfaċċa matul Lulju u jibqa' għaddej jagħżel matul Awissu u anke wara. Il-werżieq ma jagħżilx biex isajjar il-frott, iżda biex jiġbed lill-mara u jżommha ħdejh. Il-kompetizzjoni hi tassew qawwija u werżieq ma jċedix lil ieħor. Jibdew mat-tbexbix u jibqgħu sejrin sa wara nżul ix-xemx. Il-ħoss li jagħmel il-werżieq hu l-aqwa wieħed fost l-insetti kollha.

Kurjuża mnejn ikun ġej dak l-għagħa kollu. Il-werżieq taħt qaddu, jiġifieri fejn għandu s-sitt saqajn u qabel tibda ż-żaqq, għandu żewġ tnabar mgħottijin b'rita. Muskoli qawwija jġagħlu dir-rita tivvibra b'veloċita` ta' 120 sa 400 darba kull sekonda, tant li aħna nħossuh ġej il-ħin kollu. Dawn il-vibrazzjonijiet jidwu fiż-żewġt itnabar u l-ħoss tagħhom jinstema' sa nofs kilometru bogħod.

Kurjuża wkoll li t-turisti Ingliżi jieqfu mistagħġba jisimgħuh, għax mill-1500 speċi ta' werżieq li hawn fil-pajjiżi sħan tad-dinja, fl-Ingilterra suppost li hemm wieħed biss, in-naħa t'isfel fil-Bosk il-Ġdid. Għedt *suppost* għax rari tisma' ħossu. Minn hawn ġej l-interess tat-turisti fil-werżieq tagħna, għaddej jagħżel bla heda taħt il-qilla tax-xemx t'Awissu.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 4 Il-Kometa bix-Xuxa – R. Bonnici Cali` - *Tifkiriet ta' Tfuliti*

Kien ftit aktar minn sebgħin sena ilu meta l-ġirien ħarġu fit-triq jgħajtu. "Araw, x'hemm fis-sema?" Qamet għagħa kbira għax bdiet tidher kewkba kbira li kellha magħha denb twil jixgħel u jiddi daqs l-istess kewkba. In-nies laqqmuha l-kewkba tax-xuxa għax din kienet qisha denb twil ta' żiemel. U bdiet tidher kull fil-għaxija għal bosta jiem.

Jien ukoll kont rajtha kemm-il darba u bosta kienu l-għajdut dwar it-tifsir tagħha. Imma x-xniegħa l-kbira kienet li din il-kewkba turi li kienet ġejja ħsara fid-dinja. Min qal li ġej terremot, min xi marda u min xi gwerra kbira.

Fl-istess ħabta kien ġie jżurna z-ziju l-Patri Ewsebju tal-Kapuċċini u qalilna li dik il-kewkba tissejjaħ kometa bħal dik li kienet dehret f'Betlem meta twieled il-Bambin Ġesu` u ġibitilna l-akbar ġid għar-ruħ u għall-ġisem. Għalhekk ma kellniex għax nibżgħu minnha għax din tidher kull tant żmien skond kif jgħidu l-astronomi.

Din kienet tidher bil-għajnejn bla għajnuna ta' trombi bil-lenti. Kienet ġibdet ukoll l-għajn taz-ziju ta' ommi, il-pittur Ġuże` Cali`, li kien pinġa wkoll kwadru bil-kometa tax-xuxa fis-sema fuq il-Port il-Kbir ta' Malta. U dan il-kwadru semmieh *Halley's Comet,* kif kien sejħilha wieħed Ingliż ħabib tiegħu.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **L-Istudju ta' l-Arti Barokka f'Malta – Keith Sciberras** – *Introduzzjoni*

L-istudju ta' l-istorja ta' l-Arti Barokka f'Malta ħa spinta 'l quddiem fl-aħħar għoxrin sena tas-seklu għoxrin, minn meta ngħata bidu għal riċerka arkivistika u stilistika minn numru ta' studjużi Maltin u barranin. Sa dak iż-żmien, kien għad hemm ħafna approssimazzjonijiet, kemm f'dak li huwa l-istorja ta' l-arti in ġenerali, kif ukoll l-aspetti bijografiċi u fl-attribuzzjonijiet.

L-ewwel tentattiv serju għal storja qasira tal-pittura Barokka f'Malta kien dak ta' Stefano Zerafa f'nofs is-seklu dsatax. Iżda kien biss fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin li Malta rat l-ewwel storiċi ta' l-arti importanti. Fost dawn kien Vincenzo Bonello li, b'entużjażmu u kultura wiesgħa, niseġ interess kemm fil-Maltin kif ukoll fi studjużi barranin. Wara nofs is-seklu, kemm Edward Sammut u anki John Cauchi kienu strumentali fir-*riskoperta* ta' l-arti Maltija.

Bil-mod, l-istudji saru iktar analitiċi u frekwenti u kiber ukoll l-interess fit-teknika, ir-restawr u l-esibizzjonijiet. Il-kitbiet fuq l-arti saru iktar speċjalizzati, l-aktar fil-ġenerazzjoni ta' storiċi ta' l-arti Maltin li tfaċċaw fis-sebgħinijiet u l-bidu tat-tmeninijiet, kif ukoll minn numru konsiderevoli ta' studjużi u riċerkaturi barranin li kabbru l-interess fil-perijodu Malti ta' Caravaggio u Mattia Preti.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **Il-Kitba Maltija – Akkademja tal-Malti** – *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*

Fl-ebda żmien tal-ġrajja tal-gżira ma nħass il-bżonn li jinkiteb il-Malti daqs kemm qiegħed jinħass fi żmienna. Il-kitba Maltija mhix waħda li tgħodd żmien wisq, u nistgħu ngħidu li għadha titrabba, jew aħjar li għadha ma tellgħetx id-darsa ta' l-għaqal. Iż-żminijiet tal-kitba Maltija ma jaslux lilhinn mis-seklu sittax: aktarx xi ftit iżjed lilhawn.

Jingħad li l-eqdem ktieb bil-Malti hu l-*Ktieb tad-Dutrina Nisranija,* maqlub bil-Malti u stampat Ruma minn Mons. Dusina dwar is-sena 1570. Fuqu saru ħafna oħra, fosthom dak tal-qassis Malti Francesco Wizzino: *Tagħlim Nisrani,* li kien meħud minn *La Dottrina Cristiana*. Dawn kienu għadhom iż-żminijiet li fihom il-poplu kien għad mhux mogħti għall-qari tal-Malti u l-ftit li kienu mogħtija għat-tagħlim ma kinux jiktbuh ħlief għall-bżonn biex jiftiehmu ma, nies li ma kinux jifhmu bit-Taljan.

L-ortografija tal-kliem Malti kienet għalhekk maħżuża, kif aktarx għadha sal-lum, fuq dik tat-Taljan. Minn hawn bdiet tinkiteb xi għanja, xi ġrajja, xi ċajta u xi ħrafa.

Il-Kanonku Ġanfranġisk Agius de Soldanis kien l-ewwel wieħed li f'dak iż-żmien bikri ta' tagħlim, tqanqal biex jikteb grammatika ċkejkna fejn ried ifisser in-nisel tal-Malti mill-Kartaġiniż.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Taħdita** |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Dawn li ġejjin mhumiex* ***"il-mistoqsijiet"*** *li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u 'cassettes' li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.*

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA**

- Minn dak li studjajt jew mit-tiftix li għamilt, semmi xi wħud mill-pijunieri li studjaw l-ilsien Malti u ħadmu biex ikun magħruf. (L-eżaminatur jista' jagħti ħjiel ta': De Soldanis, M.A. Vassalli, Ninu Cremona, Ġuże` Aquilina, Erin Serraċino Inglott.)
- Agħti tagħrif ħafif u fil-qosor dwar x'inhuma dawk l-elementi li jiffurmaw il-Malti bħala l-lingwa li nitkellmu. Jew: Kif inhu magħmul l-ilsien Malti ta' żmienna.
- Fl-opinjoni tiegħek, minħabba l-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, fl-opinjoni tiegħek, qed ikun hemm influwenzi ħżiena inkella tajbin fuq il-lingwa Maltija? Għid għaliex jew agħti eżempji.
- Fl-iżvilupp ta' l-ilsien Malti fi żmienna stess insibu xejriet ta' ħajja, snajja' u aspetti oħra, bħat-teknoloġija f'kull qasam inkella l-isport, li qed inisslu fil-lingwa kliem speċjalizzat ġdid. Tkellem fuq dan u agħti eżempji.
- X'importanza għandu jew jista' jkollu għalina l-Maltin tal-lum, it-tagħlim ta' lingwi oħra? Ħu xi lingwa li studjajt inti stess bħala eżempju.
- Taħseb li l-ilsien Malti llum jista' jaqdina għal kull ma jkollna bżonn fil-ħajja moderna ta' żmienna.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Taħdita**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Dawn li ġejjin mhumiex **"il-mistoqsijiet"** li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u 'cassettes' li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.*

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

### IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI

- Mit-tiftix u l-istudju li għamilt, fisser fi kliemek x'inhu l-folklor u b'mod partikulari, għid x'tifhem b'folklor Malti.

- Semmi xi aspetti li ġeneralment huma meqjusin li jagħmlu sehem mill-folklor tagħna l-Maltin.

- Tkellem fil-qosor dwar xi wħud mill-aspetti tal-folklor Malti li għamilt tiftix jew qrajt jew smajt b'xi mod ieħor dwarhom.

- Kif tqabbel dak li għadek kif semmejt (rigward numru 3) ma' l-istess aspett / aspetti tal-ħajja fi żmienna, f'pajjiżna llum?

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Taħdita**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Dawn li ġejjin mhumiex **"il-mistoqsijiet"** li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u 'cassettes' li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.*

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

### IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA

- X'taħseb li hu dak li huwa parti mill-kultura tagħna l-Maltin fi żmienna?
- Tara xejn differenzi bejn il-mod ta' kif il-Maltin tal-lum jgħixu u jaħdmu, u ngħidu aħna, dak ta' xi 50 sena ilu?
- Minn dak li studjajt fl-iskola jew mod ieħor, tara differenzi fix-xogħol ta' kittieba Maltin ta' l-imgħoddi bħal Dun Karm, Temi Zammit jew oħrajn u dawk moderni bħal Achille Mizzi, Joe Friġġieri u oħrajn, forsi anke aktar qribna fiż-żmien?
- Kull ma jmur, Malta dejjem qed tkompli timtela bil-bini. X'differenzi tara fil-bini li tiela' llum għal dak aktar antik: djar, lukandi, knejjes, skejjel, uffiċini, appartamenti u l-bqija?
- Semmi b'eżempji d-differenzi li tara bejn il-modi ta' divertiment tal-Maltin ta' llum u dawk ta' qabel, ngħidu aħna fiż-żgħożija tal-ġenituri tiegħek.